MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 274/2017LM

**Edmond Mangion (K.I. 7985M) u Daniela Mangion (K.I. 332784M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Edmond Mangion (K.I. 7985M)** u **Daniela Mangion (K.I. 332784M)**, [hawnhekk 'l-appellanti'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tad-19 ta' Ottubru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet

tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553) (minn issa 'is-soċjetà appellata'), filwaqt li ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.

## Fatti

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnhom quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti talbu li s-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallashom is-somma ta' ħdax-il elf u sitt mitt Euro u sebgħin ċenteżmu (€11,600.70), kwantu għas-somma ta' €10,800 rappreżentanti l-valur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EDM 084, u kwantu għas-somma ta' €800.70 rappreżentanti l-prezz ta' pramm tat-trabi li kienet tinsab fl-imsemmija vettura, u dan wara inċident li seħħ fit-30 ta' Ottubru, 2016 viċin Sqaq Ħabel Wati, il-Gudja, meta seħħet splużjoni, u konsegwentement il-vettura tagħhom sfat kompletament distrutta, kif sfat distrutta wkoll il-pramm tat-trabi. Ir-rikorrenti talbu lis-soċjetà assiguratriċi tagħmel tajjeb għad-danni subiti minnhom konsegwenza ta' dan l-inċident, u dan billi l-vettura tagħhom kienet koperta b'polza tat-tip *comprehensive.* Ir-rikorrenti spjegaw li s-soċjetà intimata kienet qiegħda tirrifjuta li tonora l-obbligi tagħha taħt din il-polza u tħallas il-valur tal-vettura fis-suq, minkejja li ġiet interpellata biex tagħmel dan diversi drabi.

## Mertu

3. Din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrenti qegħdin ifittxu li jirkupraw id-danni subiti minnhom waqt splużjoni li seħħet fl-akkwati ta' fejn ħallew il-

vettura tagħhom ipparkjata, bir-riżultat li l-vettura u l-oġġetti ta’ ġo fiha sfaw meqrudin għal kollox.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha wieġbet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, għaliex tikkontendi li r-rikorrenti naqsu milli jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jipproteġu l-vettura assikurata minn telf jew ħsara, kif kienu obbligati li jagħmlu taħt il-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, is-soċjetà intimata żiedet tgħid li r-rikorrenti jridu wkoll jagħmlu prova tad-danni realment subiti minnhom, u li dawn id-danni jistgħu jintalbu taħt il-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni.

5. **Marlon Mangion**, ħu r-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa *licensee* tal-Kamra tan-Nar tal-Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja, u dakinhar tal-inċident tat-30 ta’ Ottubru, 2016, huwa kien flimkien ma’ ħuh ir-rikorrent qiegħed jagħmel xi xogħol tan-nar fl-għalqa minn fejn kien ser jinħaraq in-nar dakinhar filgħaxija. Qal li n-nar li kien ser jinħaraq, kien ilu fl-għalqa minn filgħodu. Qal li fil-ħin tal-isplużjoni, huwa u sħabu kienu qegħdin fl-għalqa jiżbarazzaw xi materjal li tpoġġa lejliet minħabba li kienet għamlet ix-xita, u għalhekk ma nħaraqx in-nar kollu li kellu jinħaraq. Qal li l-vannijiet tal-persuni li kienu qegħdin jaħdmu kienu fl-għalqa minħabba li riedu jitneħħew mill-għalqa xi oġġetti li setgħu jkunu ta’ periklu. Qal li f’ħin minnhom saret splużjoni u kulħadd ġera ’l barra mill-għalqa fejn kien hemm il-*container* bil-ħażna tan-nar. Qal li wara ftit huma rritornaw fl-għalqa fejn kien hemm in-nar jaqbad, u sabu li l-vetturi tagħhom ġew totalment distrutti minħabba n-nirien.

6. Ir-rikorrent **Edmond Mangion** fl-*affidavit* tiegħu kkonferma din l-informazzjoni, u ppreċiża li l-vetturi personali tal-*licencees* tan-nar ma jintużawx għall-ġarr tan-nar, u li n-nar jinġarr taħt skorta tal-Pulizija. Qal li għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar, seħħet splużjoni fil-*container* fejn kien hemm il-ħażna tan-nar, u mal-isplużjoni l-ħażna tan-nar ħadet f'salt. Qal li dak il-ħin kull min kien fl-għalqa ġera 'l barra, iżda wara l-inċident hu u sħabu rritornaw fl-għalqa sabiex jaraw xi ħsara kienet ġrat. Qal li l-vann tiegħu tal-marka Nissan Navara kien ġie distrutt kompletament, u fil-fatt kellu jiskrappjah ftit ġranet wara l-inċident. Qal ukoll li fil-vann huwa kellu diversi oġġetti personali, fosthom sistema 3-in-1 għall-ġarr tat-trabi, *car seat* u oġġetti personali oħra. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li fil-ħin tal-inċident kien hemm tliet karozzi fl-għalqa, u kien hemm żewġ vetturi oħra pparkjati fuq barra.

7. Ix-xhud **Karl Bonnici** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa wkoll għandu liċenzja biex jaħdem in-nar, u dakinhar tal-inċident kien mar jassisti xi persuni f'għalqa l-Gudja minħabba li kienet il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Qal li lejliet il-festa, is-Sibt kienet għamlet ħafna xita, u n-nar li kellu jinħaraq baqa' ma nħaraqx, iżda nżamm fil-kamra tan-nar li tinsab bogħod mill-għalqa fejn isir il-ħruq. Qal ukoll li fl-għalqa kien għad hemm xi affarijiet armati bħall-kanen li ġew mgħottija bl-inċirata, u dan il-materjal kellu jiġi żbarazzat sabiex ma jkunx ta' periklu. Qal li f'ħin minnhom kien hemm splużjoni, u meta hu u sħabu rritornaw lura fl-għalqa, sabu li l-vetturi tagħhom kienu ġew distrutti kompletament.

8. **Dorian Desira**, fl-*affidavit* tiegħu qal li fil-ħin tal-isplużjoni huwa ma kienx fuq il-post, iżda x'ħin ra daħna tiela' mill-akkwati, mar jiġri fl-għalqa minn fejn

kellu jsir il-ħruq tan-nar sabiex jara x'ġara. Qal li kien dak il-ħin li sab li l-vetturi kollha li kien hemm fl-għalqa kienu ġew distrutti.

9. **L-Ispettur Johann Fenech** xehed li qabel tiġi organizzata festa, ikun hemm applikazzjoni għal diversi permessi, fosthom għall-ħruq tan-nar. Qal li f'dan il-każ, l-ewwel ma ntalab kien permess għall-iskorta għal waqt il-ġarr tan-nar. Ix-xhud ippreżenta kopji ta' diversi dokumenti relatati ma' dan il-permess, fosthom pjanta tal-post minn fejn kellu jinħaraq in-nar u l-kopja tal-polza tal-assigurazzjoni. Ix-xhud qal li n-nar kellu jinġarr fit-30 ta' Ottubru, 2016 fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu lejn l-għalqa minn fejn kellu jinħaraq.

10. Ir-rikorrent, permezz ta' nota tat-12 ta' Marzu, 2019 ippreżenta kopja tal-polza maħruġa mis-soċjetà intimata, kopja tal-iskeda li tifforma parti mill-polza, kopja tal-irċevuti maħruġa mill-istabbiliment 'T'Anġelina' għax-xiri tal-pramm u l-*car seat* li kienu fil-vettura, kopja ta' ċertifikat maħruġ minn Transport Malta dwar l-i*scrapping* tal-vettura li ġiet distrutta kawża tal-inċident, kopja legali tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' April, 2017, kopja tal-permess għall-iskorta tan-nar u għall-ħruq tat-30 t'Ottubru, 2016 maħruġ mill-Pulizija ta' Malta, sett ta' ritratti li juru kif tkun armata l-għalqa dakinhar li jsir il-ħruq tan-nar, *site plan* tal-għalqa minn fejn jinħaraq in-nar, u aggrandiment tas-*site plan* li turi kif tkun imqassma l-għalqa dakinhar li jkun ser isir il-ħruq minn ġo fiha.

11. **Kenneth Camilleri**, *Head of Claims* tas-soċjetà intimate, xehed li l-*claim kienet* saret taħt polza tat-tip *commercial comprehensive.* Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata kienet ikkonstatat li l-vettura tar-rikorrent kienet ipparkjata madwar 10-15-il metru 'l bogħod minn fejn kien hemm il-ħażna tan-nar. Ix-xhud qal li s-

soċjetà intimata m'aċċettatx li tħallas taħt din il-polza, għaliex issostni li kienet inkisret il-klawsola li tobbliga lid-detentur tal-polza jieħu l-miżuri protettivi kollha għall-protezzjoni tiegħu mit-telf jew ħsara. Qal li l-fatt li r-rikorrent ipparkja l-vettura fl-għalqa minn fejn kellu jinħaraq in-nar, ifisser li sidha ma ħax il-miżuri preventivi kollha biex jipproteġiha. Qal ukoll li l-*claim* li ressaq ir-rikorrent kellha tkun dettaljata aktar.

## Is-Sentenza Appellata

12. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż tal-kawża kontra tagħhom, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidrat***
>
> *Essenzjalment, anke kif tgħid is-soċjetà intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-kontendenti jaqblu fuq ħafna mill-fatti mertu tal-każ. Dak li ma jaqblux fuqu huwa dwar ir-relevanza tal-fatt li r-rikorrent Edmond Mangion daħal fl-għalqa fejn jaħarqu n-nar tal-festa bil-vettura tiegħu, u pparkjaha viċin il-*container *li kien fih il-materjal splussiv. Min-naħa l-waħda r-rikorrent jgħid li dan kien neċessarju proprju biex jaċċelleraw il-ħidma tagħhom li jnaddfu s-sit mill-inċirati u njam li kienu użaw biex jgħattu n-nar mix-xita li kienet niżlet il-lejl ta' qabel. Min-naħa l-oħra s-soċjetà intimata tgħid li dan kien in-ness dirett tad-dannu soffert mir-rikorrent, u li kien nuqqas min-naħa tiegħu, meta ben konsapevoli bir-riskji posti mill-għalqa, hekk munita b'materjal splussiv, ipparkja l-vettura tiegħu biss metri 'l bogħod mill-għajn ta' dawn ir-riskji. Ir-rikorrent jgħid li ma kellux għażla oħra għax dan kien l-uniku post disponibbli lilu stante li bnadi oħra fl-għalqa kien fihom il-wires tas-sistema piroteknika li, mirfusa bil-piż tal-vettura, kienu jitgħarrqu. Huwa jgħid ukoll li huma ma kinux qed jaħarqu nar u għalhekk ma kienx prevvist li seta' jkun hemm xi inċident bħal dak li seħħ.*
>
> *Il-prevedibbilità tal-event dannuż huwa wieħed mill-elementi neċessarji sabiex din il-Qorti tiddetermina jekk l-azzjoni tar-rikorrent tistax tirnexxi.*

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Francis Coleiro nomine vs Carmelo Cassar*** *(fn. 12 Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-24 ta' April, 1964) dik il-Qorti tgħallem illi "*biex ikun hemm lok għad-danni, jeħtieġ li wieħed seta' ippreveda d-disgrazzja li kkaġunat id-danni. Il-prevedibbilità trid tkun ta' probabbilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili."

*Issa f'dan il-każ, l-azzjoni attriċi hija bażata fuq ħlas emanenti minn relazzjoni kuntrattwali ta' bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà assikuratriċi. Fid-dispożizzjonijiet applikabbli għad-danni kontrattwali, senjatament l-****artikolu 1136 tal-Kodiċi Ċivili*** *jingħad illi "*id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li bassar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni, iżda dan kemm-il darba n-nuuqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx ġew minn għemil tiegħu doluż." *Id-debitur tal-obbligazzjoni, f'dan il-każ, is-soċjetà intimata, tisħaq li hija qatt ma kienet infurmata u konsegwentement qatt ma setgħet tobsor li r-rikorrent kien jesponi l-vettura tiegħu f'post bħal dak mertu tal-inċident. Mill-banda l-oħra, jidher li s-soċjetà intimata tallega li l-attività li kien qed iwettaq ir-rikorrent kellha raġonevolment twasslu biex jipprevedi l-event dannuż, u konsegwentement jagħmel dak kollu possibbli fil-poter tiegħu biex jipprevjenieh. Di più, jidher li tgħid ukoll li l-attività piroteknika u s-sit fejn din kienet qed issir, tikkonsisti f'riskju serju ben mifhum minn bniedem ta' diliġenza ordinarja kif ipprospettat fil-liġi, u konsegwentement tali bniedem kien raġonevolment jaħrab dak il-periklu, u jagħmel dak kollu possibli biex jaħarbu u jipprevjeni kwalunkwe dannu li seta' jirriżulta.*

*Fis-sentenza* ***Raymond noe vs Busuttil pro et noe*** *(fn 13 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-16 ta' Novembru, 1942 (Kollezzjoni Vol. XXXI p. I p. 554) jingħad illi,* "Għall-applikazzjoni tal-prevedibbilità jew imprevedibbilità tal-event għandha tiġi applikata t-teorija tad-diliġenza tal-bonus paterfamilias, li fin-nuqqas tagħha ġġib il-colpa tad-debitur."

*Is-soċjetà intimata torbot l-element tal-prevedibbilità mal-kundizzjoni numru 4 tal-polza tal-assigurazzjoni li, fil-parti relevanti tagħha, tgħid "*You and any other person in charge of your vehicle must take all reasonable steps to protect it against loss or damage." *Is-soċjetà intimata tgħid li r-rikorrent naqas, mhux biss meta m'avżahiex li huwa kien juża l-vettura assikurata magħhom biex iġorr ħwejjeġ relatati mal-piroteknika (għalkemm mhux in-nar innifsu) u li kien idaħħal il-vettura tiegħu viċin postijiet fejn l-istess nar ikun maħżun, iżda li naqas meta, bi ksur ta' din il-kundizzjoni, huwa ma ħax dawk il-passi kollha neċessarji biex jipproteġi l-vettura tiegħu, anzi, esponiha għal riskji akbar meta pparkjaha proprju maġenb il-*container *li kien fih in-*

*nar li kien ser jinħaraq aktar tard fil-jum tas-sinistru. Is-sinistru, għas-soċjetà intimata, kien prevedibbli.*

*Issa huwa vera meta s-soċjetà intimata tgħid li r-rikorrent seta' jobsor li huwa kien qed jawmenta r-riskju tal-vettura tiegħu billi jpoġġiha maġenb il-*container *li fih kien hemm il-ħażna tan-nar. B'daqshekk, però, ma jfissirx li huwa seta' raġonevolment jipprevedi splużjoni. Dakinhar, kif irriżulta mill-fatti prodotti, ħadd min-nies preżenti ma kien qed jagħmel xi attività li setgħet tiskatta l-istess splużjoni. Għall-kuntrarju, jidher li l-lejl ta' qabel kienet għamlet ix-xita, l-art setgħet kienet imxarrba, u huma kienu merament qegħdin ineħħu xi inċirati u injam li kienu għamlu bħala ilqugħ għall-ilma tax-xita. Tant hu hekk, li ma kinux il-ħwejjeġ li għattew li splodew, iżda dak li kien maħżun fil-*container. *Ma jirriżultax li xi ħadd għamel xi ħaġa biex jiddisturba din il-ħażna. Din il-Qorti għalhekk tqis li r-riskju huwa identiku għal materjal splussiv jew kombustibbli sostanzjali miġbur f'żona waħda iżda li ma jkunx qed jiġi manomess jew disturbat. Għalhekk, ma jistax jingħad li l-event dannuż kien prevedibbli.*

*Dan biss, però, ma jfissirx waħdu li kien hemm, jew li ma kienx hemm ksur tal-polza, li abbażi tagħha s-soċjetà intimata ssejjes l-ewwel eċċezzjoni tagħha. Għalkemm wieħed ma jistax jgħid li r-rikorrent ippreveda l-event dannuż, dan ma jfissirx li huwa adempixxa l-obbligazzjoni tiegħu li jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jieħu ħsieb il-vettura tiegħu. Li ma pprevediex splużjoni, ma tfissirx li hu ma kienx jaf li l-vettura tiegħu poġġiha proprju viċin materjal splussiv. Għall-kuntrarju, mhemmx l-iċken dubju li r-rikorrent kien jaf tajjeb li l-vettura poġġiha proprju maġenb il-*container *mimli nar li kien ser jinħaraq dak il-lejl. Għalhekk, fl-adempiment tal-obbligazzjoni* ex contractu *li temanixxi mill-polza tal-assigurazzjoni, mhemmx dubju li r-rikorrent naqas.*

*Bl-obbligu li tieħu* 'l-passi kollha raġonevoli sabiex tipproteġi l-vettura tiegħek'*, l-ebda persuna raġonevoli ma kienet se tpoġġi l-vettura tagħha maġenb kontenitur li tikkontjeni ammont kbir ta' materjal kombustibbli u splussiv. B'dan kollu, il-Qorti mhijiex tippronunzja ruħha dwar jekk kienx ir-rikorrent li, b'xi negliġenza tiegħu, ikkawża d-dannu soffert minnu stess – iżda li bl-aġir tiegħu, huwa kiser l-obbligu kuntrattwali assunt minnu fil-polza assikurattiva mas-soċjetà konvenuta.*

*Konsegwentement, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' u għalhekk m'għandhiex il-ħtieġa li tidħol fil-bqija tal-eċċezzjonijiet.*

***Decide***

*Għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel talba għar-raġunijiet kif spjegati, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tar-rikorrenti."*

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Jannar, 2022, l-Ewwel Qorti ppreċiżat li fil-paragrafu tad-*decide* ried jintqal li kienet qiegħda tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni u mhux l-ewwel talba, u għalhekk ġiet ordnata korrezzjoni f'dan is-sens.

## L-Appell

13. Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell tad-19 ta' Novembru, 2021, fejn talbu lil din il-Qorti tilqa' l-appell tagħhom, tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn ġie deċiż li l-event dannuż ma kienx prevedibbli, u tħassar, tirrevoka u tannulla l-kumplament tas-sentenza appellata, u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà konvenuta.

14. L-appellanti qalu li huma ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza appellata għaliex l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qieset li r-rikorrent naqas mill-obbligazzjoni *ex contractu* li temani mill-polza tal-assigurazzjoni, u għalhekk ma kinitx korretta meta ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. L-appellanti spjegaw li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fit-30 ta' Ottubru, 2016, f'jum il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, il-Gudja, għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar, meta r-rikorrent u sħabu kienu qegħdin fl-għalqa minn fejn jinħaraq

in-nar jagħmlu l-aħħar preparamenti qabel jibda l-ħruq tan-nar mal-ħruġ tal-purċissjoni. Qalu li n-nar kien inġarr taħt skorta tal-Pulizija dakinhar filgħodu, u li l-vettura tar-rikorrent tħalliet fil-viċinanzi għaliex dak il-ħin kien qed isir xogħol ta' żbarazzar tal-għalqa, u għalhekk il-vettura tħalliet fl-inħawi minn fejn seta' jitgħabba l-materjal fuqha mingħajr telf ta' ħin. L-appellant speċifika li l-vettura personali tiegħu qatt ma ntużat għall-ġarr tan-nar. Qal li għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar seħħet splużjoni, bir-riżultat li l-vettura tar-rikorrent li kienet ipparkjata fil-viċinanzi, inqerdet kompletament. Qal li l-vettura kienet koperta b'polza tat-tip *fully comprehensive,* u fil-vettura kien hemm diversi oġġetti personali inkluż tal-familja tiegħu. L-appellant qal li mill-provi kellu jirriżulta li fil-post fejn kien ser isir il-ħruq tan-nar, kien hemm konformità mal-istandards tas-sigurtà u mal-istandards imposti fuq il-kmamar tan-nar mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant qal li l-unika raġuni għalfejn il-vettura tiegħu ttieħdet fl-għalqa kienet sabiex jiġi faċilitat, u b'hekk jitnaqqas id-dewmien u l-periklu, it-tindif u t-tneħħija tal-materjal mill-għalqa. Qal ukoll li fil-mument li huwa daħħal il-vettura fl-għalqa, ma kien hemm xejn li jindika li seta' jseħħ xi inċident.

15. L-appellant qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta qieset li huwa naqas mill-obbligazzjoni *ex contractu* li temani mill-polza tal-assigurazzjoni, u għalhekk lanqas ma kienet korretta meta ċaħdet it-talbiet tiegħu. Spjega li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li l-event dannuż ma kienx prevedibbli, fl-istess ħin qalet li ladarba l-appellant poġġa l-vettura tiegħu viċin materjal splussiv, b'dak l-att huwa kien qiegħed jonqos mill-obbligazzjoni *ex contractu* li temani mill-polza tal-assigurazzjoni. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti setgħet tikkonkludi li huwa naqas milli jadempixxi l-obbligazzjoni tiegħu li jieħu

l-miżuri kollha neċessarji sabiex jieħu ħsieb il-vettura tiegħu, li kieku l-event dannuż kien wieħed prevedibbli. Qal li ladarba l-Ewwel Qorti stess ammettiet li dan l-event ma kienx prevedibbli, ma jistax jingħad li huwa naqas milli jieħu ħsieb il-vettura tiegħu. L-appellant żied jgħid li bir-raġunament tal-Ewwel Qorti, li huwa naqas milli jieħu ħsieb il-vettura tiegħu għaliex xjentement ħallieha viċin materjal splussiv, l-ebda vettura m'għandha titħalla viċin pompa tal-*fuel* għaliex dan ukoll huwa materjal splussiv li mhux prevedibbli meta ser jisplodi. Qal li f'sentenzi tal-Qrati tagħna, fejn il-grad ta' prevedibbilità huwa remot ħafna, il-Qorti ma tarax in-nuqqas tad-diliġenza ordinarja mistennija minn *bonus paterfamilias.* Qal ukoll li minkejja li l-polza assiguratriċi hija kuntratt aleatorju, sabiex tirnexxi d-difiża tas-soċjetà appellata, irid jintwera li l-appellant kellu *full knowledge of the nature and extent of the risk to be run,* u li ċ-ċirkostanzi kienu tali li juru li bir-riskju li ħa, huwa ried li t-telf imġarrab minnu jiġi soffert minnu u mhux minn terzi persuni. Qal li anke jekk huwa kien jaf li kien ser ipoġġi l-vettura tiegħu viċin materjal splussiv, iċ-ċirkostanzi ma kinux tali li juru li huwa kien qiegħed jieħu riskju prevedibbli għall-inkolumità tal-vettura tiegħu, bil-konsegwenza għalhekk li ma kienx hemm xi ksur tal-polza. L-appellant qal li minkejja li s-soċjetà appellata baqgħet tinsisti li kien hemm ksur tal-polza, dan ma jirriżulta bl-ebda mod għaliex huwa m'għamel xejn sabiex ipoġġi lilu nnifsu jew il-vettura tiegħu fil-periklu. Qal li l-vettura in kwistjoni hija vann li tintuża għall-ġarr ta' materjal, bħal ma kien qiegħed isir fil-ħin tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u kien raġonevoli li l-vettura tintuża bil-mod kif intużat, partikolarment meta ma kien hemm l-ebda ħjiel li seta' jiġri dak li ġara.

**Ir-Risposta tal-Appell**

16. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà appellata wieġbet li l-kawża odjerna, fejn hija qegħda sempliċement tirreżisti li tħallas dak mitlub minnha abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni, issib il-bażi tagħha fil-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* għaliex hemm element kuntrattwali, u mhijiex ibbażata fuq it-tort. Qalet li għalhekk il-punt tat-tluq dejjem irid ikun l-istipulazzjonijiet kuntrattwali tal-polza ta' assigurazzjoni li ftehmu dwarhom il-partijiet, u mhux l-element ta' prevedibbilità tal-event dannuż. Qalet illi li kieku l-kawża nfetħet sabiex wieħed jipprova li persuna kkawżatlu danni bl-aġir tagħha, kien ikun il-kompitu tal-Qorti li tiddetermina jekk kienx hemm ness dirett bejn l-aġir tal-persuna u d-danni kkawżati, kif ukoll jekk l-event dannuż kienx prevedibbli. Kompliet tgħid li l-kawża odjerna lanqas m'hija kawża ta' rivalsa mis-soċjetà assiguratriċi kontra t-terz wara li tħallas l-assigurat, għaliex kieku dan kien il-każ, it-terz kien ikun intitolat li jqajjem eċċezzjoni bbażata fuq il-prevedibbilità. Qalet li fil-kawża odjerna, l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb li ddistingwiet bejn il-prevedibbilità tal-event dannuż, jiġifieri l-isplużjoni, u l-ksur tal-polza tal-assigurazzjoni, għaliex minkejja li l-event dannuż ma kienx prevedibbli mill-appellanti, is-soċjetà appellata xorta waħda ddeċidiet li l-aġir tagħhom kiser il-kundizzjonijiet tal-polza, li kif inhu risaput hija kontrattazzjoni bbażata fuq il-kunċett tal-*utmost good faith.* Is-soċjetà appellanta qalet li mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-artikolu 1136 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li d-debitur huwa obbligat biss għal dawk id-danni li bassar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni, kemm-il darba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx ġie minn għemil tiegħu doluż, u żiedet tgħid li anki jekk l-element ta' prevedibbilità japplika għal

dan il-każ, id-debitur tal-obbligazzjoni, jiġifieri s-soċjetà appellata, kellha tipprevedi l-event dannuż sabiex tinstab responsabbli għad-danni u mhux l-appellanti. Qalet li hi min-naħa tagħha żgur li ma setgħetx tipprevedi d-danni fiż-żmien tal-obbligazzjoni, għaliex l-appellanti qatt ma infurmawha li l-vettura koperta bil-polza, kienet ser tintuża għal xogħol fl-industrija tal-logħob tan-nar, jew li ser tintuża qrib attività inerentement perikoluża.

17. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-appellanti ma setgħux jipprevedu l-event dannuż, dan xorta waħda ma jfissirx li l-appellanti aġixxew b'mod li ppruvaw jipproteġu l-vettura assigurata għall-finijiet tar-raba' kundizzjoni tal-polza, meta l-vettura tpoġġiet ftit metri bogħod mill-*container* fejn oriġinat l-isplużjoni. Is-soċjetà appellata qalet li kien hemm numru sostanzjali ta' persuni li setgħu jġorru l-materjal, li ma kienx tqil, u li ma kienx hemm xi għaġġla partikolari biex jinħaraq in-nar li kien skedat li jinħaraq madwar tliet sigħat wara. L-appellata qalet illi li kieku l-vettura tħalliet f'post sigur, u mhux ftit metri bogħod mill-*container* fejn seħħet l-isplużjoni, kien ikun jista' jingħad li l-appellanti aġixxew b'mod li ma jiksirx il-kundizzjonijiet tal-polza. Qalet li f'din is-sitwazzjoni iżda, hawn ksur flagranti tal-kundizzjonijiet tal-polza, u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb li ffukat fuq il-ksur tal-kuntratt, għaliex anki t-talba tal-appellanti kienet ibbażata fuq il-ksur tal-kuntratt.

18. Is-soċjetà appellata qalet li, b'mod partikolari hemm qbil li l-vettura li dwarha l-appellanti għamlu l-*claim* mas-soċjetà appellata, kienet ipparkjata ftit metri 'l bogħod mill-*container* li fih kien maħżun il-logħob tan-nar li kellu

jinħaraq ftit sigħat wara. F'dan ir-rigward is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-iskizz u għas-*siteplan* esebiti in atti, u qalet li minn din il-pjanta wieħed jista' jasal għall-qisien, b'mod ġenerali tal-istess għalqa u tad-distanzi bejn il-vetturi pparkjati u l-*container,* għalkemm l-appellanti ammettew li l-vettura kienet ipparkjata biss ftit metri bogħod mill-*container.* Is-soċjetà appellata saħqet li huwa stramb għaliha li l-appellanti qegħdin jgħidu li l-vettura tħalliet fil-viċinanzi tal-*container* sabiex il-materjal seta' jitgħabba mingħajr telf ta' ħin, u dan għaliex in-nar ma kellux jinħaraq ħlief tliet sigħat wara. Qalet ukoll li anki l-fatt li l-appellanti qalu li pparkjaw viċin il-*container* sabiex kemm jista' jkun jitnaqqas il-perikolu, għandu jfisser li l-appellanti kienu ben konxji mill-perikolu li poġġew lilhom infushom fih. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li l-*container* seta' tħalla f'post aktar sigur, u anke jekk wieħed jinjora l-inkuranza totali tal-appellanti li jpoġġu l-*container* fil-post fejn kienu ser jaħdmu, għandu jingħad li l-ispjegazzjoni li joffri l-appellant għaliex il-vettura ma tħallietx f'post ieħor, la hija plawsibbli u lanqas sorretta mill-ebda prova.

19. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellanti jsemmu tliet raġunijiet għalfejn skont huma l-vetturi ma setgħux jiġu pparkjati bejn iż-żewġ blokok indikati fuq l-iskizz. Qalet li ladarba l-appellanti qegħdin jgħidu li dan l-ispazju bejn iż-żewġ blokok ma setax jintuża, lanqas mill-persuni li fil-mument tal-ħruq tan-nar kellhom joqogħdu bejn l-istess blokok, dan ma jirriflettix tajjeb fuq il-livell ta' sigurtà li tħaddem is-soċjetà li taħraq in-nar, li tagħha l-appellant huwa membru. Dan għaliex jekk l-appellanti jiġu emmnuti, dan ikun ifisser li l-blokok tpoġġew hemm għalxejn.

20. Is-soċjetà appellata qajmet dubji wkoll dwar l-asserzjoni tal-appellanti li dan l-ispazju kien inħarat, partikolarment meta l-għalqa in kwistjoni ma kinitx qiegħda tintuża għall-biedja. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li anki r-raġuni l-oħra li taw l-appellanti, li minn dan l-ispazju kienu għaddejjin xi *wires,* m'hi xejn plawsibbli, għaliex li kieku dan huwa l-każ, l-għalqa ma setgħetx tinħarat.

21. Is-soċjetà appellata qalet li r-raġuni vera u unika għaliex l-appellanti ħallew il-vettura fil-post fejn ħallewha, kienet għaliex riedu jaħdmu b'mod komdu, u ma joqogħdux iqandlu l-inċirati u l-kaxex fit-tul, u għalhekk m'hemmx dubju li din mhijiex raġuni tajba għalfejn ir-rikorrenti injoraw l-obbligu tagħhom li jieħdu l-miżuri ta' sigurtà neċessarji għall-kura tal-vettura assigurata. Is-soċjetà appellata qalet illi li kieku l-vettura tħalliet fl-ispazju bejn iż-żewġ blokok, x'aktarx li jew ma kienet iġġarrab l-ebda ħsara, jew kienet iġġarrab ħsara minima, u dan għaliex jidher li l-blokka biswit il-*container* ħadet il-*blast* kollu tal-isplużjoni. Żiedet tgħid li l-vettura setgħet tħalliet ukoll fil-fetħa li hemm qabel id-daħla għall-għalqa in kwistjoni, li kienet f'distanza minn tarf sa tarf tal-għalqa, iżda l-appellant u sħabu għażlu li ma joqogħdux iġorru l-kaxex u l-oġġetti l-oħra li kellhom fil-post, u għalhekk ipparkjaw il-vetturi tagħhom ftit metri biss bogħod mill-*container.* Qalet li għalhekk m'hemmx dubju li l-appellanti naqsu li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jipproteġu l-vettura assigurata minn telf jew ħsara, kif kienu obbligati li jagħmlu a tenur tal-polza tal-assigurazzjoni. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellanti naqsu milli jieħdu din il-miżura raġonevoli li kienet disponibbli għalihom sabiex jieħdu ħsieb il-vettura assigurata. Is-soċjetà appellata qalet li l-mod kif twassal il-logħob tan-nar mhux il-mertu tal-eċċezzjonijiet, iżda jgħidu x'jgħidu l-appellanti u sħabhom, il-fatt li l-

*container* iddaħħal f'parti tal-istess għalqa fejn kien ser ikun hemm in-nies, jammonta mhux biss għal negliġenza, iżda għal non-kuranza assoluta li tikkwalifika bħala *recklessness.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

22. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mis-soċjetà appellata, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[dwar l-obbligazzjoni* ex contractu *li temani mill-polza tal-assigurazzjoni]*

23. L-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qieset li huma naqsu milli jonoraw l-obbligazzjonijiet *ex contractu* li jemanu mill-polza tal-assigurazzjoni li kienu koperti biha, u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ċaħdet it-talbiet tagħhom. In suċċint, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li minkejja li l-event dannuż ma kienx prevedibbli, dan ma jfissirx li l-appellanti onoraw l-obbligu tagħhom li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jieħdu ħsieb il-vettura tagħhom. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li kien meta l-appellanti ħallew il-vettura tagħhom viċin materjal splussiv, huma naqsu milli jonoraw l-obbligu kuntrattwali tagħhom, għaliex xjentement ħallew il-vettura in kwistjoni viċin periklu li seta' jiġi evitat. L-appellanti saħqu li huma kienu jkunu qegħdin jonqsu milli jonoraw l-obbligi kontrattwali tagħhom li kieku dan l-event dannuż kien prevedibbli, u mhux meta ma kienx. Jgħidu li b'dan ir-raġunament, l-ebda vettura m'għandha titħalla viċin pompa tal-*fuel,* u s-soċjetà appellata kellha turi

li l-appellant kellu għarfien sħiħ tan-natura u l-estensjoni tar-riskju li kien qiegħed jieħu, meta ħalla l-vettura tiegħu fil-post fejn tħalliet. L-appellant qal li minkejja li huwa kien jaf li ħalla l-vettura tiegħu viċin materjal splussiv, b'daqshekk ma jistax jingħad li huwa ħa riskju prevedibbli, u lanqas ma jista' jingħad li huwa xjentement għamel xi ħaġa biex ipoġġi l-vettura f'periklu.

24. Il-Qorti tqis li l-appellanti kienu obbligati jonoraw il-klawsoli tal-polza tal-assigurazzjoni li ntrabtu biha, partikolarment l-obbligu li jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jimminimizzaw il-periklu għall-oġġett kopert bil-polza. Minn dak li jirriżulta mill-provi, l-appellant ħalla l-vettura tiegħu viċin *container* li fih kien hemm ħażna nar tal-ajru li kellu jinħaraq filgħaxija stess dakinhar li seħħ is-sinistru. Għandu jingħad li anki s-sempliċi fatt li vettura tħalliet daqstant viċin *container* mgħobbi bl-isplussiv, jindika li f'dan il-każ ma tteħdux il-miżuri preventivi li bniedem raġonevoli huwa mistenni li jieħu f'każ li jrid jipproteġi l-proprjetà tiegħu. Anki jekk jista' jiġi konċess li l-isplużjoni li seħħet ma kinitx prevedibbli, xorta waħda għandu jingħad li hemm raġuni għalfejn il-kmamar tan-nar u l-ħruq tan-nar isir f'ċertu distanza mill-bini u minn postijiet abitati, u għalfejn kull min jaħdem in-nar huwa mistenni li jieħu ċerti prekawzjonijiet meta jkun viċin materjal daqstant perikoluż. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi anki jekk dakinhar li seħħet l-isplużjoni ma kienx hemm periklu fis-sens li ma kienx qiegħed isir taħlit tal-isplussiv u ma kienx qiegħed isir xogħol meqjus aktar perikoluż fl-industrija tal-piroteknika, madanakollu bniedem raġonevoli xorta waħda huwa mistenni li jagħmel dak kollu possibbli sabiex jevita li jesponi lilu nnifsu u l-proprjetà tiegħu fil-viċinanzi ta' din l-attività. Huwa għalhekk li din il-Qorti, minkejja li tikkonċedi li f'dan il-każ is-sinistru li seħħ ma kienx prevedibbli,

madanakollu biex l-appellant ikun konformi mal-obbligazzjonijiet imposti fuqu bil-polza tal-assigurazzjoni, huwa kellu jassigura li l-vettura ma titħalliex viċin il-ħażna tan-nar. F'dan ir-rigward is-soċjetà appellata hija korretta meta tgħid li hija kienet obbligata tagħmel tajjeb biss għad-danni li setgħet tbassar fiż-żmien tal-obbligazzjoni, u li ladarba hija qatt ma ġiet infurmata li l-appellant huwa persuna li jagħmel użu mill-vettura tiegħu meta jmur jaħdem in-nar jew jaħaraq in-nar fil-festi, hija ma setgħetx taqbel li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-appellant. Dan huwa każ differenti milli kieku persuna ħalliet il-vettura tagħha pparkjata x'imkien, u wara seħħ splużjoni, anki jekk ta' kamra tan-nar, meta din il-persuna ma kinitx taf li qiegħed isir xogħol ta' piroteknika fl-inħawi. Għal din ir-raġuni wkoll qajla jagħmel sens l-argument tal-appellant li lanqas m'għandhom jitħallew vetturi viċin pompi tal-*fuel,* u dan għaliex jekk xi vettura tieħu n-nar minħabba li titħalla viċin pompa tal-*fuel,* is-soċjetà assiguratriċi jkollha azzjoni ta' rivalsa fil-konfront ta' min ikun ikkrea l-periklu jew min ikun naqas milli jieħu l-miżuri kollha sabiex jevita l-periklu. F'dan il-każ jirriżulta li l-unika raġuni għalfejn l-appellant u sħabu ħallew il-vetturi tagħhom daqstant viċin il-*container* fejn kien maħżun in-nar, kienet għaliex huma ma ridux iqandlu l-materjal li ried jinħareġ mill-għalqa għal tul ta' ħin, u għalhekk iddeċidew li jdaħħlu l-vetturi tagħhom fl-għalqa viċin tal-*container*.

25. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti, filwaqt li taqbel pjenament mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, tqis li l-aggravju sollevat mill-appellanti mhuwiex ġustifikat, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**